**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA. LL.D.**

**Illum, 16 ta' Lulju 1999**

**Rikors Nru: 23B/87**

**George Cassar**

**vs**

**Peter Caruana**

Il-Bord,

Ra r-rikors li permezz tieghu, r-rikorrenti wara li ippremetta illi hu huwa s-sid tal-ghalqa maghrufa Dar ix-Xghira, Qrendi konsistenti fi tliet itmiem cirka moghtija bi qbiela lill-intimat, ta' Lm2.50 (zewg liri u hamsin centezmi) pagabbli f'Santa Marija b'lura.

Illi l-esponenti irid il-pussess tal-ghalqa in kwistjoni ghall-uzu personali tieghu sabiex jahdimha,talab sabiex dan il-Bord jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-ghalqa f'Dar ix-Xghira, Qrendi minghand l-intimat fi zmien prefissat minn din l-Onorabbli Qorti u sabiex jigi kalkolat u mhallas lill-intimat kull benefikat dovut.

Ra r-risposta ta' l-intimat a fol 15 tal-process li permezz taghha oppona ghat-talba tal-attur (sid), minhabba li: 1) it-talba kif maghmula ma taqax taht il-ligi dwar il-kontroll tal-kiri tar-raba. 2) l-attur, ir-rikorrent irid lura l-ghalqa mhux biex jahdimha kif qed jaghmel l-esponenti; izda peress li wiritha, jixtieq li jkollu l-ghalqa in kwistjoni biex jghaddi xi zmien fiha. 3) li fi kwalunkwe kaz, in-necessita tal-ghalqa hija izjed ghar-rikorrent milli ghall-attur (sic).

Ra r-relazzjoni tal-membri teknici a fol 19 tal-process.

Ra s-sentenza a fol 66 tal-process moghtija mill-istess Bord fil-15 ta' Frar 1995 li permezz taghha gie deciz fl-ewwel lok li jigu michuda l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat u fit-tieni lok gew milqugha t-talbiet tar-rikorrenti u jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-ghalqa maghrufa Dar ix-Xghira, Qrendi konsistenti fi tliet itmiem circa u jiffissa ghal-finijiet tal-izgumbrament it-terminu sal-15 ta' Awissu 1995, b'dan illi r-rikorrenti m'ghandu jhallas xejn lill-intimat bhala kumpens u dana skond kif jirrizulta mir-rapport tal-membri teknici ta' dan il-Bord, liema rapport qed jigi hawn anness u ghandu jitqies bhala formanti parti integrali tal-prezenti.

Spejjez kontra l-intimat.

Ra r-rikors tal-appell tal-intimat a fol 70 et seq ibid.

Ra r-risposta relattiva tar-rikorrenti a fol 75 et seq ibid.

Ra is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Settembru 1997 li biha gie deciz illi jigi milqugh l-appell intavolat mill-intimat <u>in parte</u> u jigi michud fil-bqija tieghu kif fuq intqal li "dan billi l-Qorti <u>tikkonferma</u> dik il-parti mis-sentenza appellata ..... bejn il-partijiet kontendenti".

Ra r-relazzjoni addizjonali tal-membri teknici maghmula bhala konsegwenza tal-istess sentenza (ara ukoll il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 1998 in atti).

<u>Ikkunsidra:</u>

Illi f'dan l-istadju tal-proceduri kif rizultanti mis-sentenza citata moghtija mill-Qorti tal-Appell, il-funzjoni ta' dan il-Bord hi limitata u ristretta ghall-kunsiderazzjoni mill-gdid tat-talba dwar il-likwidazzjoni talvolta dovuta lill-appellant bhala kumpens skond il-ligi.

Illi in rigward dan, mir-relazzjoni addizzjonali tal-membri teknici tal-Bord jidher li l-benefikati jew likwidati fl-ammont ta' Lm290.

Ghaldaqstant il-Bord jillikwida l-benefikati dovuti mir-rikorrenti lill-intimat fis-somma ta' Lm290 liema ammont ghandu jithallas kif premess mill-istess rikorrenti lill-intimati. Inoltre a bazi tas-sentenza citata moghija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Settembru 1997 l-istess Bord jordna li l-izgumbrament tal-

intimat mill-ghalqa in kwistjoni ghandu jsehh fi zmien xahar  minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

A.Calleja
Dep.Reg.